3) *Qorti nazzjonali ma tistax, meta teżerċita stħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni tal-awtorità regolatorja nazzjonali, teżiġi li din l-awtorità tipprova li l-obbligu msemmi effettivament jilħaq l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/21, kif emendata bid-Direttiva 2009/140.*

---

(1) ĠU C 138, 27.04.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-22 ta' Settembru 2016 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Gerechtshof Amsterdam – Il-Pajjiżi l-Baxxi) – Kawasaki Motors Europe NV vs Inspecteur van de Belastingdienst/Douane**

**(Kawża C-91/15)** (1)

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Evalwazzjoni tal-validità — Regolament (KE) Nru 1051/2009 — Tariffa doganali komuni — Klassifikazzjoni tariffarja — Nomenklatura Magħquda — Intestatura 8701 — Trakters — Sotto-intestaturi 8701 90 11 sa 8701 90 39 — Trakters agrikulturali u trakters għax-xogħol fil-foresti, (ħlief trakters ikkontrollati minn xi ħadd bil-mixi), bir-roti, ġodda — Vetturi għal kull art ħafifa, four-wheel drive intiżi biex jintużaw bħala trakters)***

(2016/C 419/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Gerechtshof Amsterdam

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Kawasaki Motors Europe NV

*Konvenut:* Inspecteur van de Belastingdienst/Douane

**Dispożittiv**

*Il-punt 2 tal-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1051/2009, tat-3 ta' Novembru 2009, dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, huwa invalidu sa fejn juża l-klassifikazzjoni tal-vettura li hija hemm deskritta fis-sottointestatura 8701 90 90 tan-Nomenklatura Magħquda, kif emendata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 948/2009, tat-30 ta' Settembru 2009, u mhux f'dik tas-sottointestaturi 8701 90 11 sa 8701 90 39 tal-imsemmija Nomenklatura Magħquda li tikkorrispondi għas-saħħa tal-magna ta' din il-vettura.*

---

(1) ĠU C 146, 4.5.2015.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tal-20 ta' Settembru 2016 – Konstantinos Mallis (C-105/15 P), Elli Konstantinou Malli, (C-105/15 P), Tameio Pronoias Prosopikou Trapezis Kyprou (C-106/15 P), Petros Chatzithoma, (C-107/15 P), Elenitsa Chatzithoma (C-107/15 P), Lella Chatziioannou (C-108/15 P), Marinos Nikolaou (C-109/15 P) vs Il-Kummissjoni Ewropea, Il-Bank Ċentrali Ewropew**

**(Kawżi magħquda C-105/15 P sa C-109/15 P)** (1)

***(Appell — Programm ta' sostenn għall-istabbiltà tar-Repubblika ta' Ċipru — Dikjarazzjoni tal-Grupp tal-Euro li tirrigwarda, b'mod partikolari, ir-ristrutturazzjoni tas-settur bankarju f'Ċipru — Rikors għal annullament)***

(2016/C 419/17)

*Lingwa tal-proċedura: il-Grieg*

**Partijiet**

*Appellanti:* Konstantinos Mallis (C-105/15 P), Elli Konstantinou Mallis (C-105/15 P), Tameio Pronoias Prosopikou Trapezis Kyprou (C-106/15 P), Petros Chatzithoma (C-107/15 P), Elenitsa Chatzithoma (C-107/15 P), Lella Chatziioannou (C-108/15 P), Marinos Nikolaou (C-109/15 P) (rappreżentanti: E. Efstathiou, K. Efstathiou u K. Liasidou, dikigoroi)